Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2012/C 369/06)

Skont l-Artikolu 9(1)(a), it-tieni inċiż, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Maqgħuda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emedati kif ġej:

F'paġna 335:

8504 40 30 Ta' tip użat ma' apparat ta' telekomunikazzjoni, magni awtomatiċi għal ipproċessar ta' dejta u unitajiet tagħhom

It-tieni paragrafu qed jinbidel b'li ġej:

"Konvertituri statiċi jintużaw ma' apparat tat-telekomunikazzjoni jew ma' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-dejta u ma' unitajiet tagħhom sabiex jikkonvertu, pereżempju, l-kurrent alternanti (alternating current – AC) li jittieħed mill-provvista tad-elettriku (mains supply) għall-kurrent dirett (direct current – DC) mixtieq."

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.